il-bidla diġitali

STAZZJONIJIET MALTIN BLA ĦLAS



# IL-BIDLA DIĠITALI:
## SER TAFFETTWANI?

Jekk inti tara stazzjonijiet Maltin bla ħlas u permezz tal-erjil, din il-bidla taffettwak u ser ikollok bżonn tipprepara għaliha.

Jekk inti tara t-televiżjoni permezz tal-GO jew tal-Melita, din il-bidla ma taffettwakx.

# THE DIGITAL SWITCHOVER
## WILL IT AFFECT ME?

If you watch analogue free-to-air Maltese TV using the aerial, then yes, and you will need to prepare for the Digital Switchover.

If you have a subscription with GO or Melita, then you are not affected.

**KOMPLI AQRA**
READ MORE



## Lejn xandir diġitali bla ħlas

Permezz tal-bidla diġitali, is-sistema antika tal-*analogue* ser taqleb għal dik diġitali, li hija aktar moderna. B'hekk ikun hemm spazju għal aktar stazzjonijiet Maltin bla ħlas. L-istampa, kif ukoll il-ħoss, ser ikunu aktar ċari.

## The Digital Switchover

The digital switchover involves the upgrading of the current analogue system used for free-to-air Maltese TV broadcasting to digital technology. This will extend available space for Maltese free-to-air TV stations. You will also enjoy better picture and sound quality.

## Meta ser isseħħ din il-bidla?

Din il-bidla ser isseħħ sa l-**1 ta' Ġunju 2011**.
Minn issa sa l-1 ta' Ġunju, ix-xandir tal-istazzjonijiet Maltin bla ħlas ser isir kemm bl-*analogue* kif ukoll diġitali. Iżda mill-1 ta' Ġunju 'l quddiem, ix-xandir ser jaqleb għal wieħed diġitali biss.

## When will this change take place?

The change will take place by **1st June 2011.**
Until 1st June, free-to-air TV broadcasting will be available in both analogue and digital, and as from 1st June onwards, it will be available only in digital.



## Kif għandi nipprepara għal din il-bidla?

Jekk din il-bidla taffettwak, ser ikollok bżonn erjil UHF f'kundizzjoni tajba, simili għal dan, li x'aktarx diġà għandek bħalu. Jista' jkun li jkollok bżonn iddawwarlu xi ftit id-direzzjoni.

## How do I prepare for the Digital Switchover?

If the switchover affects you, you will need a UHF aerial, similar to the one shown below, and which you probably already have. You may however need to point it to a different direction.



## U se jkollok bżonn ukoll:

*Decoder* diġitali jew sett diġitali tat-televiżjoni:

- Jekk is-sett tat-televiżjoni tiegħek huwa wieħed modern tat-tip LCD, LED jew Plasma, jista' jkun li dan diġà għandu ġo fih teknoloġija diġitali u f'dan il-każ inti m'għandek bżonn tagħmel xejn aktar.
- Jekk għandek sett tat-televiżjoni aktar antik, bħal dak bit-tubu, u ma tixtieqx tbiddlu għal wieħed diġitali, ser ikollok bżonn tixtri *decoder* diġitali.

## You will also need:

A digital decoder or a digital TV:

- If you have a modern or flat panel TV, like an LCD, LED or plasma TV, it may already have the necessary digital equipment built in, and you may not need to do anything else.
- If you have an older TV set, such as the 'tube' type, and do not want to replace it with a new digital one, you will need to buy a digital decoder.



## Minn fejn nista' nixtri *decoder* diġitali jew sett diġitali tat-televiżjoni?

Dawn tista' tixtrihom minn ħanut tal-għażla tiegħek li jbiegħ settijiet tal-televiżjoni jew apparat elettroniku. Dawk il-ħwienet li għandhom il-*logo* tal-Bidla Diġitali diġà ngħataw tagħrif sabiex ikunu jistgħu jagħtuk għajnuna speċjalizzata u jkunu jistgħu jippreparawlek id-*decoder* qabel ma tieħdu d-dar.

Qabel ma tixtri *decoder* diġitali, ħu nota tad-ditta u l-mudell tas-sett tat-televiżjoni tiegħek sabiex tal-ħanut ikun jista' jagħtik *decoder* diġitali u wajer tal-*video* (video cable) li huma adattati għalih.

## Where can I buy a digital decoder or digital TV from?

From any shop of your choice. Shops displaying the Digital Switchover logo are trained on the switchover and will tune the decoder before you take it home.

Before you go shopping for a decoder, make a note of the brand and model of your TV so that the sales person can show you compatible digital decoders and provide you with a suitable video cable.












## Kif għandi nqabbad id-*decoder* diġitali?

Qabel ma tqabbad id-*decoder*, għandek taqra l-istruzzjonijiet li jingħatawlek meta tixtrih.

L-informazzjoni ta' hawn taħt m'għandiex tissostitwixxi l-istruzzjonijiet li jiġu mad-*decoder*, iżda għandha sservi biss ta' gwida sempliċi.

**1.** Aqla' l-plagg tas-sett tat-televiżjoni minn mal-ħajt.

**2.** Neħħi l-wajer tal-erjil min-naħa ta' wara tas-sett tat-televiżjoni u qabbdu mas-socket tad-*decoder* immarkat 'ANT IN'.

**3.** Daħħal tarf wieħed tal-wajer tal-*video* fis-*socket* tad-*decoder* immarkat 'TV' u t-tarf l-ieħor fil-*video connector* tas-sett tat-televiżjoni.

**4.** Ipplaggja id-*decoder* u s-sett tat-televiżjoni mal-plagg tal-ħajt.

**5.** Ixgħel is-sett tat-televiżjoni u d-*decoder*. It-televiżjoni normalment jaqbad is-sinjal tad-*decoder* b'mod awtomatiku. Jekk dan ma jseħħx, agħfas 'AV1' fuq ir-*remote control* tas-sett tat-televiżjoni.

## How do I install the digital decoder?

Before you install your digital decoder you should always read the instructions provided carefully.

The information below describes the installation of a digital decoder and does not substitute the instructions provided with the digital decoder.

**1.** Unplug the TV plug from the wall power socket.

**2.** Remove the aerial cable from the back of the TV set and connect it to the socket marked 'ANT IN' on the digital decoder.

**3.** Connect one end of the video lead to the socket marked 'TV' on the decoder and the other end to the TV.

**4.** Plug the power leads on your decoder and TV into a wall power socket.

**5.** Switch on the decoder and the TV. Your TV will usually be able to detect the new digital decoder automatically, but if this does not happen simply select station 'AV1' on your TV remote control.



## Fejn nista' nsib aktar għajnuna dwar il-bidla diġitali?

Għal aktar informazzjoni jew għajnuna ċempel freephone **153** mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-7:30 ta' filgħodu u l-4:30 ta' wara nofsinhar, jew żur is-sit elettroniku **www.dso.org.mt.**

## Where can I find more help on the digital switchover?

For more information call our freephone helpline **153** between Monday and Friday, between 7:30 am and 4:30 pm, or visit **www.dso.org.mt.**